MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 54

27 ta' Mejju 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 54 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo u l-Viċi Sindku E. Bartolo rreferew għall-minuta 10.10. **(Ref: T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u talbu li din tiġi emendata u tinqara kif jidher hawn taħt:

*"10.10. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li huwa għadu bl-istess ħsieb li l-ipparkjar għandu jitneħħa fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsillier C. Bartolo sostna li huwa ma jaqbilx li jitneħħa l-ipparkjar mit-toroq ewlenin.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti u għalhekk dawn ġew iffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-okkażjoni tal-Animal Fest fit-22 ta' Mejju, tħawwlu 'il fuq minn 100 siġra fil-Park tal-Familja.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Installazzjoni ta' *cameras* qrib il-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u stqarr li minn meta ġiet installata l-*camera* qrib il-*bring-in site* ta' Triq Qasam Barrani l-abbużi naqsu drastikament. Kien hemm ħdax-il persuna li nqabdu jiddepożitaw skart b'mod abbużiv. Dawn ittieħdet nota tagħhom u d-dettalji tagħhom ġew mgħoddija lill-Puliżija sabiex jittieħdu passi.

2.2.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrimarka li sfortunatament l-abbużi ġew trasferiti banda oħra, anke fejn m'hemmx *bring-in sites*. Huwa semma li ġiet iddepożitata borża bl-intern ta' majjal f'*litter bin* li jinsab fejn l-Għassa tal-Puliżija f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Proġett ta' Restawr tat-Torri l-Abjad u beni storiċi oħra (A/6/7/1)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-laqgħa li kellha ssir ma' delegazzjoni mill-Kumitat ta' Garanzija issa ġiet appuntata mill-ġdid għad-9 ta' Ġunju 2011 fl-4.00pm.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.4.1. **Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għal fatt li minkejja l-maltemp, kien hemm attendenza sodisfaċenti. Is-Sur R. Cutajar qal li mal-lejl saret ħsara fl-armar li kien intrama fil-ġurnata ta' qabel. Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi attendenta għall-Quddiesa li kien hemm fil-kappella ta' Selmun u wara tkellem mal-esibituri tal-i*stands* li kien hemm armati. Attenda wkoll il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali l-Onor. George Pullicino.

2.4.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li Selmun huwa l-post idejali biex issir din l-attivita`. L-aċċess li ngħata għall-Palazz ta' Selmun kien interessanti wkoll għal minn attenda,.

2.4.4. Il-Kunsill talab li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-għaqdiet li taw il-kontribut tagħhom.

2.5.1. **Skema Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern (B/7)**

2.5.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 8.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li r-residenti kollha fil-Qasam Ta' Pennellu ġew infurmati permezz ta' ittra fejn intqal li l-Kunsill, flimkien ma' l-Awtorita` tad-Djar qed jaħdmu sabiex itejbu l-ispażji bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu. Intqal ukoll li l-Kunsill ser ikun dispost li jipprovdi taħditiet sabiex ir-residenti jorganizzaw ruħhom aħjar bħala komunita` ta' residenti, li finalment għandu jwassal għal kwalita` tal-ħajja aħjar. Fl-istess ittra ntqal ukoll li ser isir kuntatt personali magħhom mill-membri tal-Kunsill Lokali, sabiex wieħed jara kif jista' jintlaħaq dan il-għan. Ir-residenti ġew infurmati li ser isir kuntatt bit-telefon ħalli jiġi ffissat appuntament li jkun konvenjenti għalikom.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.6.1. ***Tournament* tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)**

2.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-finali tal-*American Pool* saret fil-25 ta' Mejju 2011 fis-Selmun Bar. Ir-rebbieħa kienu t-tim tal-Billy's Bar & Restaurant. Huwa qal ukoll li l-finali tas-*Snooker* ser issir fiċ-Ċentru Laburista Mellieħa fis-7 ta' Ġunju 2011.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Proposti mressqa mis-Sindku R. Cutajar, l-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri P. Cutajar u H. Fenech dwar arranġamenti ġodda tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin

## 4.0. Korrispondenza

4.1.1. Ma ġiet moqrija ebda korrispondenza, għajr dik relatata ma' *item* 5.1. aktar 'l isfel.

**4.2.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)**

4.2.2. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni fuq dan is-suġġett billi aċċenna għall-iżviluppi li kien hemm mill-aħħar seduta. Wara l-protest ġudizzjarju ppreżentant mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri fil-5 ta' Mejju 2011, sar kontro-protest mill-Avukat John Bonello, f'isem il-Kunsill, fejn irribatta l-ilment tal-protestanti dwar li ma kienux jobsru li xi darba l-Kunsill kien ser jgħaddi t-traffiku kollu tiela lejn il-Mellieħa minn wara l-knisja, liema miżura ser tnaqqas drastikament il-valur tal-proprjeta` tal-protestati. Fil-kontro-protest intqal li dawn it-tip ta' lmenti ma jagħmlux unur lil minn jagħmilhom għaliex fid-dawl tal-problemi prevalenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier, għandu jkun hemm sens ta' solidarjeta` soċjali. Intqal ukoll li l-Kunsill

qed jaġixxi b'mod leġittimu meta jiddiskuti u jipproponi lill-awtoritajiet kompetenti l-introduzzjoni ta' skemi tat-traffiku li jolqtu direttament il-lokalita`, skond kif stipulat fl-Artikolu 33(1)(e) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap 363). Fil-kontro-protest ġie rilevat ukoll li mill-inqas tmienja u għoxrin persuna minn fost il-mija u disgħa u sittin protestant li isimhom deher fuq il-protest ġudizzjarju, ma kellhom ebda intenzjoni li jkunu parti minn dan l-att ġudizzjarju u għalhekk kienu ser jieħdu parir legali biex jiddissassoċjaw rwieħom f'dan ir-rigward. Ġie rilevat ukoll li kien hemm protestanti li m'humiex residenti fil-Mellieħa, filwaqt kien hemm oħrajn li isimhom kien imniżżel iktar minn darba. F'dan il-punt, is-Sur R. Cutajar żied li l-petizzjoni ngħatat f'idejn bejjiegħ fit-toroq (*street hawker*) li mhux residenti fil-Mellieħa, biex jagħtiha lin-nies li jiltaqa' magħhom waqt li jagħmel id-dawra tiegħu.

4.2.3. Saret referenza għal kopja ta' ittra datata 20 ta' Mejju 2011, li l-Avukat Jeremy Debono bgħat lill-Avukat Joanne Vella Cuschieri, f'isem tletin persuna li esprimew rwieħom sorpriżi u nfastidjati bil-fatt illi huma dehru bħala protestanti f'att ġudizzjarju. Dan għar-raġuni li l-iskop tagħhom kien biss li jwasslu l-opinjoni tagħhom lill-Kunsill Lokali flimkien ma' oħrajn li kienu jaħsbuha bħalhom u mhux li jidħlu f'xi battalja ġudizzjarja mal-awtoritajiet. Għaldaqstant talbu li isimhom jiġi rtirat mill-protest ġudizzjarju li ġie ppreżentat fil-5 ta' Mejju 2011.

4.2.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-Avukat Joanne Vella Cuschieri għaddiet kopja ta' protest ġudizzjarju, li hija ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'isem xi residenti u sidien ta' proprjeta` fi Triq Monsinjur Indri Fenech u Triq il-Wied. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li dawn in-nies ġew ingannati billi ngħataw l-impressjoni li l-imsemmija toroq ser jiġu affettwati mill-iskema l-ġdida tat-traffiku, li attwalment qed jiġu diskussi mill-Kunsill b'rabta ma' arranġamenti tat-traffiku ġodda għal Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Marfa. Huwa qal li dan mhux il-kaz. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa stramb kif għal darba oħra l-media kienet infurmata bil-protest ġudizzjarju ġimgħa qabel il-Qorti nnotifikat lill-Kunsill.

4.2.5. Is-Sur R. Cutajar qal li qabel is-seduta huwa ġie ppreżentat petizzjoni ffirmata minn iktar minn mija u tmenin persuna sabiex ma jiġix dirottat traffiku mit-toroq ewlenin għal Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw.

4.2.6. Is-Sindku kkummenta li din l-*issue* hija kkaratterizzata b'misinformazzjoni kemm min-naħa ta' xi residenti, kif ukoll mill-kunsillieri tal-Partit Laburista, li qassmu lir-residenti silta mill-minuti tas-seduta numru 43 tal-11 ta' Ottubru 2010 fejn ġiet ikkwotata deċiżjoni barra mill-kuntest tagħha, għaliex l-arranġamenti għat-traffiku li kienet qed tirreferi għalihom kienu fil-fatt ta' natura temporanja sakemm jitlesta xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kbira.

4.2.7. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrimarka li l-Kunsill fl-ebda waqt ma ddiskuta xi proposta li Triq Mons. Indri Fenech tinbidel f'*one-way* b'mod permanenti. Huwa minnu li proposta f'dan is-sens ġiet diskussa fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011, bħala emenda fil-minuti tas-seduta preċedenti, meta l-Kunsill kien ddiskuta u qabel fuq arranġament temporanju li kellu jidħol fis-seħħ sakemm ikun għaddej xogħol ta' rikostruzzjoni fi Triq il-Kbira, bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier, liema xogħol kien ser jieħu numru ta' ġimgħat biex jitwettaq. Minħabba diversi raġunijiet dawn ix-xogħlijiet kellhom jiġu posposti u minflok sar dak li jissejjaħ *major patching,* li nvolva biss jumejn biex jitwettaq.

4.2.8. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta wkoll li l-affarijiet ma' kienux ċari lanqas għall-Kunsill, minħabba l-fatt li kienu għaddejjin kuntatti ma' Arriva plc dwar ir-rotot l-ġodda tal-karozzi tal-linja. Minħabba li s-soluzzjoni għall-problemi tat-traffiku fit-toroq ewlenin hija waħda kumplessa, ma kienx f'loku li l-kunsillieri tal-Partit Laburista addottaw posizzjoni li jingħoġbu man-nies u taw reazzjonijiet mal-pubbliku u fl-istampa li kienu prematuri, bħal fil-każ fl-intervista li saret lill-Kunsillier J. Buttigieg fil-ġurnal "Il-KullĦadd" tat-8 ta' Mejju 2011. Dan mhuwiex etikament aċċettabbli għar-raġuni li l-proposti kellhom jitressqu quddiem il-Kunsill qabel dehru fuq il-media.

4.2.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li huwa kien etikament korrett meta ta kummenti dwar din il-materja wara li ġie mitlub minn korrispondent ta' ġurnal. Huwa qal ukoll li lanqas m'hemm xejn ħażin li r-residenti ġew infurmati bil-posizzjoni tal-kunsillieri tal-Partit Laburista wara li tressaq dokument f'dan is-sens fis-seduta preċedenti, liema dokument tħejja fid-dawl tad-diskussjonijiet u l-kuntatti li kien hemm fi ħdan il-Kunsill. Irrimarka li huwa ferm sorpriż bl-attitudni tas-Sindku f'dan ir-rigward, meta huwa kontinwament imur fuq il-media u jagħti kummenti fuq materji li jkunu għadhom jew ma tqajjmux fil-Kunsill jew kienu għadhom ma ġew konklużi. Huwa kompla jgħid li billi wieħed iressaq soluzzjonijiet li ma jkunux eżatt

bħal dawk tal-maġġoranza tal-Partit Nazzjonalista, ma jfissirx li jkun qed ifixkel jew biex jilgħab għall-gallarija. Kull parti taċċetta l-fatt li hemm problema tat-traffiku fit-toroq ewlenin li aktar ma jmur qed tiggrava. Hemm ukoll ċerti fatturi li ħadd ma jista' jinnegahom, fosthom li:

- Il-konġestjoni tat-traffiku hija waħda staġġjonali;
- L-eliminazzjoni tal-karozzi tal-linja fi Triq Ġorġ Borg Olivier għat-telgħa taffettwa pożittivament l-andament tat-traffiku f'din it-triq;
- Kontroll aktar strett fuq id-dħul ta' vetturi, partikularment dawk kummerċjali, li ma jkollhomx ħtieġa jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa; u
- Infurzat tat-*tow zones*.

Għalhekk wieħed għandu jkun prudenti u jerġa' jevalwa s-sitwazzjoni wara li jibda jiffunzjoni s-servizz il-ġdid tal-karozzi tal-linja fit-3 ta' Lulju 2011. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-proposti mressqa mill-Kunsillieri tal-Partit Laburista jistgħu ma jkunux perfetti, iżda li żgur ser jikkawżaw l-inqas inkonvenjent, telf ta' negozju, filwaqt li ma jinvolvu ebda spiża kapitali f'każ li jiġu mreġġa' lura. Ma jagħmilx sens li wieħed joqgħod jintilef fin-numri u l-ismijiet tan-nies li dehru fil-protesti ġudizzjarji li ġew ippreżentati, għaliex il-fatt hu li r-residenti huma nkwetati bil-proposti illi qed jiġu diskussi.

4.2.10. Is-Sindku għarraf li biex jiġi evitat kull dubju dwar il-posizzjoni tal-kunsillieri tal-Partit Nazzjonalista dehrilhom li għandhom jissottomettu dokument dwar din l-*issue*, liema dokument qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti. Dan inqara waqt is-seduta u ġie spjegat fil-qosor kif ġej:

(a) Parti minn Triq il-Kbira (kantuniera ma` Triq tas-Salib), Triq Ġorġ Borg Olivier u parti minn Triq il-Marfa isiru *one way* 'l isfel sa' Triq l-Erwieħ;

(b) Il-Parkeġġ li attwalment hemm fit-toroq imsemmija f'*item* (a) jinżamm, filwaqt li jispiċċaw it-*tow zones*, jiżdied il-perjodu tal-*limited time parking,* u jigi organizzat aħjar parkeġġ ġdid fi Triq il-Marfa fil-viċinanzi ta' Triq l-Erwieħ;

(c) It-traffiku kollu li jkun gej mill-Għadira, u l-Aħrax lejn il-Mellieħa jingħata d-direzzjoni lejn Dawret il-Mellieħa, għajr dak destinat lejn iż-żoni ta' Gerbulin u Tas-Sellum;

(d) Traffiku intern fi Triq Ġorġ Borg Olivier jgħaddi minn Triq l-Erwieħ. F'din iż-żona t-traffiku għandu jiċċirkola hekk:

- Triq is-Santwarju *one way* 'l gewwa lejn Triq Ġnien Ingraw;
- Triq Salvinu Vella tibqa` *two way;*
- Triq it-Tramuntana *one way* 'l fuq minn Triq is-Santwarju;
- Triq il-Mitħna l-Ġdida mir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani issir *one way* 'l isfel lejn Triq is-Santwarju;
- Triq San Pawl tibqa' *one way* kif inhi illum;
- Triq Ġnien Ingraw bejn Triq San Luqa u Triq il-Wied ssir *one-way* fid-direzzjoni ta' Dar il-Madonna tal-Mellieha;
- Triq il-Wied bejn Triq Gnien Ingraw u Triq Mons Indri Fenech issir *one Way* fid-direzzjoni ta' Triq Monsinjur Indri Fenech;
- Triq l-Erwieh tibqa' *two-way* kif inhi attwalment;

(e) Arranġamenti ġodda dwar ħinijiet tal-ħatt u tagħbija;

(f) Twessiegħ tal-bankini wara li jgħaddi żmien ta' prova bil-miżuri msemmija aktar 'l fuq;

(g) Faċilitajiet ta' *Late Night Shopping* fi granet li jigu mifthiema mal-istess sidien tal-ħwienet;

(h) Jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-qalba tal-Mellieħa u il-faċilitajiet ta' parkeġġ f'Misraħ il-Parroċċa;

(i) Titneħħa tabella fit-telgħa ta' Selmun li tagħti d-direzzjoni lejn Triq Lewis Wettinger; u

(j) L-arranġamenti ndikati aktar 'il fuq jidħlu fis-seħħ fit-3 ta` Lulju 2011, fl-istess jum li tidħol fis-seħħ is-sistema il-ġdida tal-karozzi tal-linja.

4.2.11. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li t-tibdil fid-direzzjoni tal-*one-ways* fi Triq it-Tramuntana u Triq il-Mitħna l-Ġdida m'huma ser jagħmlu ebda differenza u għandhom jitħallew kif inhuma, peress li Triq it-Tramuntana tkun aħjar jekk tibqa' *one-way* lejn Triq is-Santwarju. Ma jaqbilx lanqas li titneħħa t-tabella fit-telgħa ta' Selmun li turi d-direzzjoni lejn Triq Lewis Wettinger, għaliex in-nuqqas tagħha ser jikkontribwixxi għal ħolqien ta' aktar konġestjoni fit-toroq ewlenin. Filwaqt li s-sistema tat-*two-way* għandha tinżamm, ikun jagħmel sens li jitħallew fis-seħħ miżuri ntrodotti minn Kunsilli preċedenti li kienu effettivi biex jitnaqqas l-ammont ta' vetturi li jidħlu fiċ-ċentru tal-Mellieħa. Aspett pożittiv bl-eliminazzjoni tal-karozzi tal-linja għat-telgħa fit-toroq ewlenin ser ikun it-tneħħija tal-*bus stop* li hemm fi Triq il-Kbira bejn Triq Franġisk Zahra u Triq il-Mitħna l-Qadima. L-aġġustament tal-ħinijiet tal-ħatt u tagħbija huma pass f'din id-direzzjoni wkoll u jaqbel li għandhom jiġu aġġustati kif propost fid-dokument imressaq. Is-Sur J. Buttigieg ikkritika l-fatt illi wara li tlesta l-*major patching* fi Triq il-Kbira u fi Triq Ġorġ Borg Olivier, saru *parking bays* biż-żebgħa fejn hemm it-tabelli tat-*tow zones*. Huwa staqsa dwar x'inhu jżomm li dawn jitneħħew, wara li nġibdet l-attenzjoni għalihom fis-seduta preċedenti. Fuq it-tul taż-żmien tal-prova m'għandux ikun hemm problemi, iżda fid-dokument imressaq fis-seduta preċedenti mressaq minnu, ingħatat attenzjoni li ż-żmien ta' prova jkun ikopri x-xhur tas-sajf, li huwa l-aktar kritiċi. Is-Sur J. Buttigieg ikkritika ż-żieda fit-traġitt li ċertament ser iġġib magħha s-sistema tal-*one-way*. Bħala eżempju huwa semma l-każ ta' persuna li minn Triq Ġorġ Borg Olivier trid tmur fiż-żoni ta' Mellieħa Heights jew Ta' Snajjin, li ser ikollha tmur wara l-knisja, tgħaddi minn Ġnien Ingraw, Qasam Barrani, eċċ.

4.2.12. Is-Sindku wieġeb li huwa ma ta ebda struzzjonijiet sabiex isiru l-*parking bays* fejn hemm it-*tow zones* fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Fil-fatt dawn saru bi żball mill-kuntrattur konċernat, filwaqt li qatt ma ttieħdet xi deċiżjoni amministrattiva f'dan is-sens, anzi kien hu li talab tinħareġ *default notice*. Aċċenna wkoll għall-fatt li l-esperjenza wriet li l-infurzar ta' dawn iż-żoni minn dejjem kien kontroversjali u kien is-suġġett ta' ħafna polemiki min-naħa tas-sidien tan-negozji, li minn żmien għal żmien ikkritikaw lil Kunsill li jibgħat il-gwardjani lokali f'parti u mhux oħra. Dan minkejja l-fatt li l-iskeda tal-gwardjani minn xahar għal xahar issir mis-Segretarju Eżekuttiv a bażi ta' ħinijiet li jkunu jkopru l-lokalita` kollha. Fakkar ukoll li fil-passat riċenti kien hemm rapport li kunsillier ipprova jfixkel gwardjan lokali waqt il-qadi tad-doveri tiegħu.

4.2.13. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li l-introduzzjoni tal-*feeder lines* ser tgħin biex tnaqqas l-ammont ta' vetturi privati fil-qalba tal-parti urbana. Ikkonferma wkoll li ma ngħataw ebda struzzjonijiet biex jitneħħew it-*tow zones*. Kuntrarju ta' dan, il-kuntrattur konċernat ingħata struzzjonijiet bil-kitba biex it-tabelli l-ġodda li twaħħlu wara li sar il-*major patching*, ikunu l-istess bħal dawk li nbidlu. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li l-*one-ways* attwali fi Triq il-Parroċċa u Triq it-Tramuntana huma fl-istess direzzjoni. Għalhekk fil-proposta mressqa f'din is-seduta ngħatat attenzjoni li d-direzzjoni tal-*one-ways* f'toroq li huma biswit xulxin tkun waħda kontra l-oħra. Aċċenna wkoll għall-preżentazzjoni li saret mis-Sur Keith Bastow - id-Direttur Maniġerjali tal-Arriva - fl-20 ta' Mejju 2011, fejn tħabbar li mhux ser ikun hemm tibdil fl-arranġamenti inizjali fl-ewwel sitt xhur mill-introduzzjoni tas-servizz tal-korozzi tal-linja l-ġdid.

4.2.14. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna l-opinjoni tiegħu li Triq Ġorġ Borg Olivier tibqa' tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet sabiex ma jiżdiedx traffiku f'toroq sekondarji. Huwa qal li ma jaqbilx li titneħħa t-tabella li hemm fit-telgħa ta' Selmun li tagħti d-direzzjoni lejn Triq Lewis Wettinger lil dawk is-sewwieqa li m´għandhom għalfejn jieqfu mill-parti urbana tal-Mellieħa. Dan għar-raġuni li m'għandhomx jitneħħew miżuri li s'issa taw riżultati tajbin. Is-Sur J. Azzopardi rrefera għall-minuta 10.6. fil-minuti tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-mistoqsija li saret fis-*survey* ikkummissjonat lil E.R.C.S Ltd, dwar jekk wieħed jaqbilx li bis-sistema tal-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier huwiex ser jonqos it-tniġġiż tal-arja u bil-ħsejjes. Din il-mistoqsija kellha tintrabat mal-proposta li permezz tagħha t-traffiku ser jingħata d-direzzjoni lejn Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw. Kieku sar hekk ir-riżultat tas-sondaġġ żgur li kien ikun differenti.

4.2.15. Il-Kunsillier J. Buttigieg kkummenta li mhux ġust illi l-Kunsillier J. Azzopardi qed jiġi kkwotat li huwa favur it-tneħħija tal-ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira. Huwa minnu li din il-proposta ssemmiet flimkien ma' oħrajn waqt eżerċizzju ta' *brain storming*. Huwa qal li proposta biex Triq Franġisk Zahra tinbidel f' *one-way* bil-kontra li attwalment hi, kienet waħda mill-idejat li ġew diskussi u waqgħu għaliex m'humiex prattiċi. Kien

jagħmel aktar sens kieku fuq materja bħal din il-Kunsill jaġixxi b'mod aktar solidu billi jintlaħaq *consensus*, kif sar drabi oħra fil-passat fuq diversi *issues* oħra. Kompla billi qal li bil-mod kif qed jaġixxi l-Kunsill attwali jirrendiħ l-aktar wieħed medjokri fost dawk li serva fihom huwa.

4.2.16. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill attwali kellu l-kuraġġ jidħol għas-soluzzjoni ta' din il-problema minkejja li kien konxju li hija waħda komplessa. Skond is-*survey* li sar fost l-400 familja ntervistati, irriżulta li 80% huma kuntenti bil-ħidma tal-Kunsill Lokali. Is-Sur R. Cutajar żied jgħid li apparti dan, huma r-residenti li jridu jiġġudikaw il-ħidma ta' dan il-Kunsill.

4.2.17. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li proposti konkreti min-naħa tas-Sindku tressqu proprju f'din is-seduta. L-ewwel darba li ġie diskuss dan is-suġġett lanqas biss kien tpoġġa fuq l-aġenda u tqanqal bħala "Materji Oħra". Kompla jgħid li s-*survey* lanqas jista' jitqies kredibbli bil-mod kif saru l-mistoqsijiet, li lanqas ġew diskussi u approvati mill-Kunsill. Il-proposti mressqa aktar 'il fuq mhux qed jieħdu in konsiderazzjoni li minflok ser jonqos it-tniġġiż, fil-fatt dan ser jiżdied bi traġitt itwal minn toroq li attwalment huma kwieti. Huwa spjega dan il-punt billi ta kalkolu fuq figura ta' 500 vettura li jgħaddu kuljum mit-toroq ewlenin. Is-Sur C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li d-dħul fi Triq l-Erwieħ minn Triq il-Marfa huwa perikoluż, peress li wieħed irid jistenna għat-telgħa biex jieqaf it-traffiku li jkun nieżel minn Triq Ġorġ Borg Olivier.

4.2.18. Is-Sindku wieġeb li mhux il-vetturi kollha li jinżlu mit-toroq ewlenin ikollhom għalfejn jiksru għal wara l-Knisja, peress li jkun hemm numru sostanzjali li jibqa' nieżel fi Triq il-Marfa.

4.2.19. Wara li kull membru tal-Kunsill ingħata l-opportunita` li jitkellem fuq is-suġġett, is-Sur R. Cutajar ressaq mozzjoni sabiex "**il-pakkett ta' proposti mressqa aktar qabel f'din is-seduta jiġu spjegati waqt laqgħa pubblika, fejn il-miżura ewlenija tkun dik li Triq Ġorġ Borg Olivier tiġi *one-way* 'l isfel**". Il-Kunsillier P. Cutajar issekonda l-mozzjoni.

4.2.20. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li la darba l-Kunsill huwa maqsum f'din l-*issue*, il-pubbliku għandu jiġi ppreżentat bil-proposti mressqa mill-grupp tal-Partit Laburista fis-seduta preċedenti. Huwa staqsa x'jiġri jekk il-proposti mressqa mill-grupp tal-Partit Nazzjonalista f'din is-seduta ma jintlaqgħux tajjeb mill-pubbliku. Għaldaqstant is-Sur C. Bartolo ressaq emenda sabiex **"iż-żewġ pakketti ta' proposti mressqa, jiġu spjegati waqt laqgħa pubblika, bil-għan li l-pubbliku jkun jista jifforma opinjoni aktar infurmata**." Il-Kunsillier J. Buttigieg issekonda l-mozzjoni.

4.2.21. L-emenda tpoġġiet għal vot u m'għaddietx b'erba' voti kontra u tlieta favur.

4.2.22. Is-Sindku wieġeb li bil-maġġoranza li ngħata, il-Kunsill għandu l-mandat biex jiddeċiedi fl-aħjar interess tal-pubbliku Mellieħi in ġenerali. Minkejja dan jibqa' dispost li jiddiskuti mar-residenti u s-sidien tan-negozju, filwaqt li ma eskludiex tibdil fil-proposti nklużi fid-dokument imressaq, jekk ikun hemm il-ħtieġa..

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.15pm u ġiet aġġornata *sine die*.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**